HAL BALZAN

IR-RABA' SENA NRU. 21 — LEĦEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — JANNAR/FRAR 1975

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN (21)

IL-KNISJA PARROKKJALI (9)

MINN DUN ĠWANN DIMECH

IL-KOR (1)

Mis-Sagristija ngħaddu għall-Kor, il-post fejn kull qassis ifittex biex fil-ħidma u s-skiet jew fit-talb u l-kant iħossu aktar qrib lejn Alla f'dan il-lok qaddis.

U la darba sejrin nitkellmu mill-Kor, tajjeb li nsemmu lil dawk il-qassisin li kienu jiffrekwentaw din il-Knisja Parrokkjali fis-sena li fiha l-Kor kien qed jitlesta kif ukoll kien qed jiġi mżejjen. Kien hawn f'dik is-sena erbatax-il qassis u erba' kjeriċi.

Il-Kappillan kien Dun Marju Callejja li kellu 82 sena. Il-qassisin l-oħra kienu: Dun Mark Bellia ta' 69, Dun Alfons Muscat ta' 62, Dun Ġużepp Frendo ta' 60, Dun Franġisk Galea ta' 50, Dun Ġużepp Cauchi ta' 50 sena wkoll, Dun Ferdinand Bonnici ta' 48, Dun Pawl Sciberras ta' 47, Dun Salv Debono ta' 46, Dun Dumink Tonna ta' 45, Dun Salv Debono (iż-żgħir) ta' 43, Dun Mikiel Debono ta' 41, Dun Marju Tonna ta' 38, u Dun Marju Said ta' 38 ukoll. (1)

Ma nistgħux nagħrfu sewwa dak li sar fil-Kor tul is-snin mingħajr ma nikkonsultaw ir-relazzjonijiet tal-Viżti Pastorali u l-kotba tal-kontijiet li nsibu fl-arkivju parrokkjali.

Għalhekk, l-ewwel ma nsibu dwar il-Kor insibuh fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof David Cocco Palmieri li għamel lil din il-Knisja Parrokkjali nhar it-18 ta' Ottubru 1693, fejn ħalla miktub li: "Il-Kor u l-Kappelluni ta' din il-Knisja Parrokkjali huma mibnija iżda s-soqfa tagħhom għadhom ma ġewx mibnija skond il-pjanta." (2)

Sitt snin wara nsibu, fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali ta' l-istess Isqof li għamel nhar l-20 ta' Settembru 1699, li l-Kor kien lest u msaqqaf u li kien ser jibda l-bini tal-Koppla. (3) F'din l-istess relazzjoni naqraw li: "Chorus est satis amplius nondum tamen de sedilibus provisum" (Il-Kor hu kbir biżżejjed, iżda għadu mingħajr sedji). (4)

Il-Kor hu proporzjonatament ta' qies tajjeb ħafna meta tqisu mal-Kursija u l-Kappelluni, għaliex hu twil 46 pied u wiesa' 30. Is-saqaf hu ffurmat minn koppletta magħrufa bħala koppletta kallotta għaliex hi koppletta baxxa. Din il-koppletta qed tistrieħ fuq erba' lunetti. Fiż-żewġ arkati bejn il-lunetti, hemm żewġ twieqi kbar li minnhom jidħol dawl biżżejjed biex idawwal il-Kor. Dawn it-twieqi sarulhom bosta tiswijiet tul is-snin, allavolja kienu ta' spiss jiġu miżbugħin, bħalma ġew fis-sena 1794 u fi snin oħra. Fis-sena 1938, inħass il-bżonn li dawn it-twieqi jiġu msaħħin minn twieqi oħra tal-ħadid. Għal dan ix-xogħol ġie mqabbad il-ħaddied Mattew Vella u għall-ħġieġ ikkulurit Gio Batta Abela. (5)

IS-SEDJI TAL-KOR, fejn il-kleru tal-Parroċċa jinġabar għat-talb u għall-kant tal-għasar. Dawn is-sedji, li tqiegħdu fl-1738, huma xogħol tabilħaqq sabiħ ta' Mastru Antonio Farrugia mill-Birgu.

IS-SEDJI

Il-knejjes mibnija fuq stil ta' Salib Latin dejjem talbu li jkollhom Kor imżejjen minn għadd ta' Sedji ta' l-injam magħmulin fuq disinji ornamentali mill-aħjar. U kien preċiżament dan il-kumment li għamel l-Isqof Cocco Palmieri meta ġie hawn f'din il-Knisja nhar l-20 ta' Settembru 1699, u sab li għad li l-Kor kien lest u kbir tassew, dan il-Kor kien għad ma fihx is-Sedji. (6) Iżda mhux lakemm taqbad u tgħid li trid tagħmel is-Sedji u tagħmilhom. Il-Knisja kienet għadha qed titlesta mill-bini. Il-Koppla kienet għadha kemm qed tinbeda. Il-Knisja kienet għaddejja minn spejjeż enormi. Dal-580 ruħ kemm jifilħu għal spejjeż? U ħaġ'oħra hi li qabel ma wieħed jagħmel opra fil-Knisja jeħtieġ li tiġi studjata tajjeb għax darba tagħmilha.

Fl-20 ta' Mejju 1709 insibu li kienu saru xi bankijiet tawwalin li kienu jistgħu jinqalgħu u li kienu qed iservu ta' Sedji għall-qassisin. (7).

Fil-Viżta tal-1716 u dik tal-1723 insibu l-istess ħaġa dwar il-bankijiet twal li kien hemm fil-Kor. Iżda fir-relazzjoni tal-Viżta ta' l-Isqof Alpheran De Bussan, li għamel nhar is-6 ta' Diċembru 1729, insibu li wara li dan l-istess Isqof talab li l-qassisin jagħmlu offerta biex jistgħu jsiru s-Sedji, il-qassisin taw l-offerta tagħhom hekk. Il-Kappillan Dun Mario Tonna 25 skud, Dun Bert Zarb 10 sk., Dun Ġo Luqa Tonna 10 sk., Dun Salv Debono 10 sk., Dun Ġużepp Borg 5 sk., Dun Dumink Tonna 10 sk., Dun Publiju Mifsud 5 sk., Dun Ġan Battista Sammut 10 sk., Dun Pawl Sciberras 5 sk., Dun Tumas Vassallo 5 sk., Suddjaknu Ġan Battista Schembri 5 sk., Kjeriku Ġo Marija Schembri 3 sk., K. Pietru Pawl Gatt 5 sk., K. Ġo Marija Cardona 5 sk., K. Orazjo Magro 5 sk. (8).

Għaddew seba' snin u Hal Balzan kellu Viżta Pastorali oħra mill-istess Isqof Alpheran, nhar l-1 ta' Mejju 1736. Din id-darba fir-relazzjoni nsibu li: "Il-Kor ta' din il-Knisja hu kbir u spazjuż iżda għadu mingħajr Sedji. Monsinjur Isqof paternament ħeġġeġ lir-Reverendu Kappillan u lill-Kleru biex jaħsbu mill-aktar fis iżejnu l-Kor b'għadd ta' Sedji kif jixraq lil dan il-Kor." Il-qassisin laqgħu bil-qalb dan l-eżortazzjoni ta' Mons. Isqof u minn rajhom offrew is-somma ta' mitejn u erbgħin skud: Il-Kappillan Dun Mario Tonna 30 sk., D. Dumink Tonna 15sk., D. Salv Debono 15sk., D. Pawl Sciberras 10sk., D. Ġużepp Borg 5sk., D. Publiju Mifsud 10sk., D. Ġan Battista Schembri 10sk., D. Ġan Marija Schembri 10sk., D. P.P. Gatt 15sk., D. Ġan Marija Cordina 10sk., u sitt kjeriċi li taw 80 skud bejniethom. Meta l-Isqof ra dan, wera l-ferħ tiegħu u biex jista' jintlaħaq il-prezz tas-Sedji, l-Isqof talab lill-Fratellanza tas-Santissmu Rużarju biex tikkontribwixxi s-somma ta' ħamsa u ħamsin skud. (9).

Immorru issa għall-ktieb tal-kontijiet tal-Knisja. Insibu li lil Mastru Duminku Borg ġew mogħtija 5 tari għal xogħol f'konnessjoni mat-tqegħid tas-Sedji tal-Kor fix-xahar ta' Novembru tal-1738. Tħallsu skud u tmien tari fix-xahar ta' Diċembru ta' l-istess sena għall-ikel tal-ħaddiema tat-tqegħid tas-Sedji. F'Diċembru tal-1739 Mastru Antonio Farrugia, magħruf bħala Suscetta, mill-Birgu u Mastru Ġużeppi rċevew is-somma ta' 420 skud 10 tari u 10 ewieq, għax-xogħol tas-Sedji. (10)

F'Jannar tal-1741 Mastru Antonio Farrugia reġa' rċieva kont ta' 10 skudi għas-Sedji.

Mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Alpheran tal-21 ta' Settembru 1745 'il quddiem, kull Isqof li ra s-Sedji tal-Kor fittex dejjem biex juri l-apprezzament tiegħu għas-sbuħija tad-disinn kif ukoll għax-xogħol elaborat ta' l-iskultura fl-injam ta' l-aħmar li sar fis-Sedji. Dawn huma mqassmin f'żewġ ordnijiet: dak superjuri li fih tmintax-il Sedja u dak inferjuri li fih erbatax-il Sedja.

Għaddew aktar minn mitejn sena u s-Sedji tal-Kor għadhom u nittamaw li jibqgħu l-ammirazzjoni ta' kull min jidħol fil-Kor. Kellhom raġun il-qassisin ta' dak inhar iqabbdu mastrudaxxa tajjeb li kien hawn f'Malta dak iż-żmien, Mastru Antonio Farrugia, u aħna l-qassisin tal-lum inħossuna grati lejn dawk il-qassisin li bil-kontribuzzjoni tagħhom għenuna biex aħna jkollna Sedji hekk sbieħ.

IL-LEĠIJU

F'nofs il-Kor insibu Leġiju kbir. Dan il-Leġiju hu wkoll ta' l-aħmar. Isemmi għall-ewwel darba lil dan il-Leġiju l-Isqof Alpheran fir-relazzjoni tiegħu tal-Viżta tal-21 ta' Settembru tal-1745. (12)

Dan il-Leġiju hu wkoll xogħol ta' Mastru Antonio Farrugia. Fuq dan il-Leġiju nsibu Psalterju li kien stampat Venezja fl-1700 minn P. Balleonii.

REFERENZI

1 STATUS ANIMARUM: Ark. Parrok. Lib. 16
2 COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 281.
3 Ibid. Cit.: fol 251.
4 Ibid. Cit.
5 ARKIV. PARR: Lib. 29 p. 171.
6 COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 251.
7 Ibid. Cit.: fol. 14.
8 ALPHERAN DE BUSSAN P: Visit. Past. fol. 251.
9 ALPHERAN DE BUSSAN P: Visit. Past. fol. 330.
10 ARKIV. PARR.: Lib. 56.
11 Ibid. Cit.
12 ALPHERAN DE BUSSAN P: Visit. Past. fol. 323.

PUDLO

EXTERNAL WATERPROOFER

COLOURLESS. ESPECIALLY MADE FOR MALTESE LIMESTONE

(Another product in the Pudlo range)

EXPO GENERAL SALES

20, ST. JOHN STREET, VALLETTA

ARS VITREA

Prop: JOSEPH LICARI

MANUFACTURERS OF MIRRORS

ENGRAVERS AND SAND BLASTERS ON GLASS

BEVELLERS AND POLISHERS OF GLASS

245, FLEUR DE LYS ROAD, BIRKIRKARA

Telephone: 40323. Cables: Jolica-Malta

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-

KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel',
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

Editorjal

★ PAĠNA ĠDIDA FL-ISTORJA TAL-PARROĊĊA

Bl-ordinazzjoni saċerdotali tad-djaknu Joe Grech minn Ħal Balzan, li saret fil-Knisja Parrokkjali nhar is-Sibt 30 ta' Novembru 1974, inkitbet paġna ġdida fl-istorja tal-Parroċċa tagħna. L-ewwelnett, sa fejn nafu aħna, qatt qabel, minn kemm ilha wieqfa l-Parroċċa ta' Ħal Balzan, jiġifieri fl-1655, ma kienet saret ordinazzjoni saċerdotali fiha; u t-tieni, din l-ordinazzjoni li kienet ukoll l-ewwel waħda li għamel l-Isqof Ġużeppi Mercieca minn kemm ilu li ġie kkonsagrat isqof f'Settembru li għadda.

Kienet dehra tassew sabiħa li tara knisja sħiħa mimlija qraba u ħbieb tas-saċerdot novell flimkien ma' għadd kbir ta' Balzanin qegħdin jieħdu sehem fl-ordinazzjoni ta' dan iż-żagħżugħ, Balzani bħalhom. Kienet tabilħaqq okkażjoni sabiħa li żgur jibqgħu jiftakruha ħafna nies. Ta' min ifaħħar l-ideja li ordinazzjonijiet bħal dawn isiru fil-parroċċi rispettivi, għax b'hekk hemm ċans ikbar li jattendu għalihom nies li żgur ma jmorrux għalihom kemm-il darba jsiru bnadi oħra.

★ IL-KWADRU TITULARI L-ANTIK

Min ġieli daħal fis-sagristija l-qadima tal-Knisja, dik li tinsab in-naħa tal-Kappellun tar-Rużarju, u ta ħarsa lejn is-saqaf, żgur ra l-kwadru sabiħ ta' l-Annunzjata li darba kien il-kwadru titulari tal-kor. Is-sbuħija u l-arti tal-pittura li fih dan il-kwadru tkellmu fuqha diversi nies li jifhmu, fosthom l-artist Rafel Bonnici Cali' li f'ittra li bagħtilna u li dehret fl-aħħar ħarġa tal-gazzetta, faħħar dan il-kwadru u tana wkoll il-fehma tiegħu dwar min jaħseb li kien il-pittur ta' din il-biċċa xogħol.

Iżda min tassew iħobb lil Ħal Balzan u jaf tabilħaqq igħożż it-teżori artistiċi li ħallew missirijietna, ma jserraħx rasu biss bit-tifħir. Għax bit-tifħir waħdu ma naslu mkien. Min tassew iħobb 'il Ħal Balzan jipprova jagħmel ħiltu biex dawn it-teżori jibqgħu intatti sabiex dak li ħallewlna missirijietna nkunu nistgħu ngħadduh lil ta' warajna bla mimsus.

Dan qegħdin niktbuh għax inħossu li l-kwadru titulari l-antik mhux qed isirlu ġid fejn qiegħed. L-ewwel żball li sar fl-imgħoddi kien li tqiegħed fejn tqiegħed, fejn minħabba li s-saqaf huwa baxx, ma jistax jitgawda kif imiss. Barra dan, sar żball ieħor aktar faħxi li t-tila ttaqqbet biex minnha tkun tista' tiddendel il-linfa li hemm f'nofs is-sagristija. Issa bil-mogħdija taż-żmien qiegħed jiġri li t-tila, bil-piż tagħha stess, qed tiddgħajjef fit-truf u kważi qed tiżżarrat. Għalhekk jista' jiġri li jiġi żmien li din il-pittura msemmija nsibuha isfel, u mbagħad forsi jkun tard wisq u l-ispejjeż għattiswija jkunu kbar ħafna, jekk wara kollox tkun tista' tissewwa.

Nagħmlu appell lil min huwa responsabbli sabiex dan il-kwadru sabiħ jitneħħa minn hemm malajr kemm jista' jkun qabel ma tiġrilu iżjed ħsara. Ma naħsbux li jaqbel noqogħdu nistennew it-twaqqif ta' Mużew Parrokkjali għax forsi sa dak iż-żmien ikun tard wisq.

★ ATTIVITA' SIEWJA

Il-ħajja ta' kull għaqda tidher mill-attivitajiet li tagħmel minn żmien għal żmien. Għaqda ħajja malajr tingħaraf mill-attivitajiet tagħha, u għaqda ta' ftit ħajja tidher ukoll mill-ftit attivitajiet li torganizza. Fil-Parroċċa tagħna għandna diversi għaqdiet, kemm reliġjużi kif ukoll mhumiex, li lkoll, nistgħu ngħidu, huma attivi. Biss mhux kull għaqda għandha l-istess attivita'. Hemm għaqdiet li l-attivitajiet tagħhom ma jsirux fis-swali qalb ġemgħat kbar ta' nies, imma jkunu qed jagħmlu attivita' xort'oħra.

Waħda mill-għaqdiet reliġjużi li għandna f'Ħal Balzan hija x-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, li ftit żmien ilu nediet attivita' li għandu jinkiseb ġid minnha mhux biss f'Ħal Balzan imma x'aktarx ma' Malta kollha. Qegħdin ngħidu għall-istampar ta' 'slogans' fuq in-naħa ta' wara tal-kaxxi tas-sufarini. Xi żmien qabel din l-istess għaqda tal-Parroċċa kienet stampat ukoll 'stickers' żgħar b'sentenzi favur l-Isem t'Alla u kontra l-vizzju ikrah tad-dagħa sabiex jitwaħħlu bħal bolli fuq l-'envelopes'.

Din il-ħidma forsi ftit tagħmel ħoss, imma l-ġid li joħroġ minnha Alla biss jafu. Kaxxa tas-sufarini tista' ssib ruħha kullimkien, mill-kċina f'idejn mara li qiegħda ssajjar, għall-but ta' raġel tax-xogħol li joħroġha sabiex iqabbad sigarett, mitfugħa fuq il-mejda ta' ħanut tax-xorb fejn forsi jinġemgħu l-agħar nies, mormija barra t-triq fejn tista' tinġabar minn min ikun għaddej . . . U l-kitba ta' fuqha kapaċi tinqara minn kull tip ta' nies, u tinżel fil-qlub ta' nies li, forsi, wieħed ftit kien joħlom li se jaqrawha.

Għalhekk ma nistgħux ma nfaħħrux lix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, fergħa ta' Ħal Balzan, għal din il-ħidma tagħha li x'aktarx hija l-ewwel ta' din ix-xorta f'Malta.

MIDALJA TAD-DEHEB LIL FILATELISTA BALZANI

MATUL IS-SENA 1974, IL-FILATELISTI F'MALTA U FID-DINJA KOLLHA FAKKRU L-EWWEL ĊENTINARJU MIT-TWAQQIF TA' L-U.P.U. (GĦAQDA UNIVERSALI TAL-POSTA). GĦAL DIN L-OKKAŻJONI NGĦATAT IL-MIDALJA TAD-DEHEB LILL-FILATELISTA BALZANI ANTHONY FENECH. IS-SUR FENECH FTIT GĦANDU BŻONN TA' INTRODUZZJONI GĦAX FTIT HUMA L-BALZANIN LI MA JAFUX BL-INTERESS TIEGĦU F'DAN IL-QASAM U F'OQSMA OĦRA TAL-ĦAJJA MALTIJA, L-AKTAR F'DAK TA' L-EDUKAZZJONI. IS-SUR FENECH HUWA WKOLL MEMBRU TAL-BORD EDITORJALI TAL-GAZZETTA TAGĦNA U JIKKONTRIBWIXXI TISTA' TGĦID REGOLARMENT BIL-KITBA TIEGĦU. AĦNA NIFIRĦU LIL SEĦIBNA U NIXTIQULU SUĊĊESSI AKBAR GĦALL-ĠEJJIENI.

Lis-Sur Anthony Fenech għamilnielu din l-intervista:-:-

Kemm ilha fik in-namra li ġġemma' l-bolli?

Din in-namra tant għal qalbi ilha fija minn mindu kont daqsxejn ta' tfajjel. Imbagħad meta kont fil-klassi tas-surmast ferm magħruf ma' Ħal Balzan, jiġifieri s-surmast Valentino Muscat, komplejt inżid din in-namra, għaliex darba fil-ġimgħa, wara nofs in-nhar, kien ikollna perijodu ddedikat għall-'hobby' tagħna. Meta dħalt il-Liċeo, komplejt b'din il-'hobby'. Dak iż-żmien kont insib għajnuna kbira mis-Sur Arthur Smith, Alla jagħtih il-Ġenna, fuq kif nakkwista materjal għall-kollezzjoni tiegħi li llum inqisha waħda mill-aħjar f'Malta.

Il-kollezzjoni tiegħek hija ġenerali jew ristretta għal xi post jew għal xi perijodu partikolari?

Sabiex wieħed ikollu kollezzjoni ta' bolli sewwa, ma jistax iġemma' l-bolli kollha li jiġu għal idejh, għax qatt ma jkollu xejn. Jiena nġemma' partikolarment il-bolli ta' Malta u qed nagħmel studju ddettaljat ta' l-istorja Postali f'Malta u tat-timbri wżati fil-Belt u l-irħula ta' Malta u Għawdex. Fost dawn ngħożż ħafna 'block' ta' ħames bolli wżati bit-timbru BALZAN — naħseb l-uniku wieħed li jeżisti — meta l-ittri mibgħuta minn Balzanin kienu jiġu ttimbrati b'dan it-timbru fl-Għassa tal-Pulizija fi Triq id-Dritta bejn is-snin 1900 — 1921.

Imbagħad l-aktar perijodu għal qalbi huwa qisu mill-1856 sa l-1900, meta hawn Malta kienu jintużaw bolli Ingliżi u ta' artijiet oħra tal-Mediterran fosthom Franza, l-Italja, l-Eġittu u Tuneż. Ta' dan l-istudju ddettaljat ngħatatli l-Midalja tad-Deheb fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tal-U.P.U. (Għaqda Universali tal-Posta) li tfakkar hawn Malta u fid-dinja kollha matul is-sena 1974.

X'sodisfazzjon tħossha tagħtik il-filatelija?

Dan il-'hobby' tiegħi jeħodli ħafna ħin u jbattalli buti. Barra minn hekk jitlob paċenzja kbira u tiftix sħiħ. Iżda l-filatelija lili tagħtini sodisfazzjon liema bħalu. Tnessini l-għelt tad-dinja u ddewwaqni l-benna ta' l-istorja li s-snin jinsġu mal-medda taż-żmien. Barra minn hekk niltaqa' ma' ħafna nies distinti interessati fil-filatelija u nagħmel ħafna kuntatti sewwa personali kif ukoll bil-kitba, li nħoss li huma tassew sodisfazzjon għalija.

Minbarra din l-aħħar Midalja tad-Deheb li rnexxielek


Is-Sur Anthony Fenech

tirbaħ, kellek xi "awards" oħra fil-karriera tiegħek?

Fl-1971, hawn Malta, fil-Wirja Filatelika Nazzjonali, irbaħt il-Midalja tal-Fidda u b'hekk stajt nieħu sehem f'wirjiet Internazzjonali. Fl-1973 f'Poznan, il-Polonja, fil-Wirja Internazzjonali 'Polska 73', parti mill-kollezzjoni tiegħi ngħatat il-Midalja tal-Bronż. Fl-istess wirja, kien hemm kollezzjonijiet tar-Reġina Eliżabetta II ta' l-Ingilterra, tal-Prinċep Rainer tal-Monaco, u ta' ħafna persuni oħra distinti li għandhom għal qalbhom din in-namra tal-ġmiegħ tal-bolli. F'April li ġej, intgħażilt sabiex nibgħat sittin folja tal-wiri mill-kollezzjoni tiegħi, f'Wirja oħra internazzjonali li ser issir f'Madrid taħt l-isem 'Espana 75', bejn l-4 u t-13 t'April, 1975. L-għażla tiegħi hija mertu tal-Midalja tad-Deheb li rbaħt hawn Malta, fil-Wirja Filatelika.

X'kienet ir-reazzjoni tiegħek għal dan l-għoti tal-Midalja?

Sintendi ħadt pjaċir ħafna; ħadt gost ukoll bil-kummenti sbieħ ta' filatelisti li żaru l-wirja, bl-ittri ta' apprezzament li rċevejt, bil-bħur li deher f'ħafna rivisti filateliċi mitbugħin l-Ingilterra, l-Italja u anke l-Amerika u b'li ntgħoġob ħafna l-mod li jiena mmuntajt il-kollezzjoni, xogħol ta' meħel u ta' paċenzja kbira. Dana l-għoti ta' Midalja huwa l-aqwa unur li filatelista Malti jista' jiġi mogħti ġo pajjiżu; għalhekk fraħt b'dan u bil-fatt li ssemma Ħal Balzan, raħal twelidi, kull darba li ssemma l-għoti ta' din il-Midalja tad-Deheb.

AD MULTOS ANNOS LIL DUN JOE GRECH

F'isem il-membri kollha tal-'Kunsill Ċiviku — Balzan' u tal-Balzanin kollha, nixtiequ nifirħu lis-saċerdot novell Dun Joe Grech, li għadu kemm kien fostna fejn ġie ordnat saċerdot u ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Knisja Parrokkjali.

Lil Dun Joe nixtiqulu kull ġid u barka tar-ruħ u tal-ġisem, u nawgurawlu ħajja twila ta' apostolat fil-ħidma ġdida tiegħu bħala saċerdot missjunarju fl-Awstralja. Jalla l-Mulej jagħtih kull għajnuna fix-xogħol tiegħu, għall-ikbar glorja t'Alla u għall-ġid tal-bnedmin, l-aktar ta' ħutna l-emigranti Maltin.

Jisgħob bina li fil-ftit żmien li dam magħna ma setax iwieġeb għall-mistoqsijiet li għamilnielu, b'danakollu l-ordinazzjoni tiegħu fil-Knisja Parrokkjali żgur tibqa' miftakra minn ħafna nies.

Il-Bord Editorjali

FOR
WHITER
WASH
SPEL

ĦSIEB SPIRITWALI

IR-RANDAN

Ftit wara li dan il-għadd tal-gazzetta tagħna jasal fl-idejn, jasal ir-Randan. Ir-Randan huwa żmien ta' tisfija, ta' tiġdid, ta' qdusija. Dawn forsi huma kelmiet li spiċċaw mid-dizzjunarju ta' xi wħud minna, għaliex ma jdoqqux għal widnejhom, jistunaw mal-ħajja li qegħdin igħixu.

Jekk inti li qiegħed taqra, inti wieħed, jew waħda, minn dawn, isma' minni, kompli aqra, għaliex dak li ser ngħid igħodd ħafna — ĦAFNA — għalik. Niftiehmu, ma jgħoddx għalik biss, imma għal kulħadd, għalina lkoll għax kulħadd fraġli. Imma għalik aktarx igħodd b'mod speċjali. Għalhekk kompli aqra. Ma inix se ndejqek.

Inti taf u temmen li, minbarra din il-ħajja li ngħixu b'ġisimna, għandna ħajja oħra tar-ruħ. Din il-ħajja tar-ruħ għandna bżonn nieħdu ħsiebha daqs kemm nieħdu ħsieb dik tal-ġisem, anzi aktar, ferm aktar. Ġesu ġie fid-dinja biex imut għalina u jerġa' jħabbibna mal-Missier, imma wkoll biex igħallimna din il-verita', jiġifieri li l-ħajja tar-ruħ tiswa ħafna aktar minn dik tal-ġisem. Aqra l-Evanġelji, u għandek issibhom mimlijin b'din il-verita'. Jekk inħarsu daqsxejn lejna nfusna u lejn in-nies ta' madwarna, nintebħu li ħafna jgħixu daqs li kieku ma huma se jmutu qatt, daqs li kieku mal-mewt jispiċċa kollox, għalkemm igħidu li jemmnu fil-ħajja ta' dejjem.

Ir-Randan huwa żmien tassew tajjeb biex idaħħalna daħla fina nfusna, billi jistedinna ngħarblu egħmilna, kliemna, ħajjitna kollha, dak li llum insejħulu l-'outlook' lejn il-ħajja. Barra minn hekk, jagħtina wkoll iċ-ċans li nieħdu deċiżjonijiet prattiċi fuq kif ser infasslu l-ġejjieni tagħna.

Fost il-mezzi li joffrielna r-Randan, hemm l-Eżerċizzi Spiritwali, użanza mill-isbaħ tal-Knisja, li qiegħda tkompli dak li beda Ġesu' meta kien magħna, u li bihom tistedinna naħsbu fl-interessi spiritwali tagħna ftit aktar mis-soltu.

Il-Kappillan.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Din id-darba l-kompetituri ta' l-aħħar ħarġa tal-gazzetta tagħna kienu tassew ftit. Kienu biss erbgħa, li tlieta minnhom kellhom kull wieħed xi waħda mit-tweġibiet ħażina, u għalhekk ir-rebbieħ kien l-uniku wieħed li kellu t-tweġibiet kollha tajba.

Għal din id-darba ħejjejnielkom din it-tisliba li qegħdin taraw. Ix-xogħol tagħkom huwa li timlewha skond ma għandkom hawn taħt.

Meta tkunu mlejtu l-vojt kollu minn fuq s'isfel tat-tisliba, fil-kaxxi mmarkati b'iswed skur, għandkom taqraw kelma li biha n-nies tar-raħal tagħna jintgħażlu min-nies ta' rħula oħra. Naraw issa min għandu l-ħila jsib din il-kelma!

1. Kelma oħra flok żejnuhom.
2. Iġġorr l-ilma fih.
3. Ra lil xi ħadd u qal: 'Saħħa!' X'għamel?
4. Wieħed mix-xhur tas-sena.
5. Tagħmel dan meta xxebbaħ ħaġa ma' oħra.
6. Kelma oħra flok 'qalbu tajba'.
7. Issibhom imdendlin mal-ħitan.
8. Dan żgur mill-Awstralja.

Bħas-soltu, ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-'letterbox' ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 1975.

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa huma: 1. Fis-sena 1663; 2. Forma ta' salib (latin); 3. Tnejn; 4. L-Annunzjata; 5. Għaxra; 6. L-inkwatri ta' fuq l-artali, minbarra t-titular, huma — il-Madonna tar-Rużarju, San Mikiel, San Pawl l-Eremita, il-Madonna tal-Karmnu, id-Duluri, Sant'Anna u San Ġwakkin, u San Ġużepp. (Intom kellkom issemmu tlieta minnhom biss).

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni huwa *Tancred Cesareo* ta' 38, Triq San Valentinu, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

MISSJUNARJA LAJKA TERĠA' LURA MALTA

Fis-17 ta' Novembru li għadda ġiet fostna s-Sinjorina Marija Bonello wara li kienet għaddiet xi żmien bħala 'lay sister' fl-art tal-missjoni. Wara li għal bosta żmien hija kienet tqatta' ġranet sħaħ tgħin lis-sorijiet li jieħdu kura tax-xjuħ li jinsabu l-Ħamrun, li aħna nafuha bħala d-dar ta' San Pawl immexxija minn 'The Little Sisters of the Poor', hija ddeċidiet li tmur tgħin lil dawn l-istess sorijiet fl-art tal-missjoni. Għalhekk fit-28 ta' Frar 1969 hija tefgħet kollox wara spallejha, anke l-iktar egħżież tagħha, u wara li sellmitilhom hija qabdet triqtha għal Hong-Kong, art 'il bogħod ġewwa l-kontinent ta' l-Asja.

Wara vjaġġ twil hija waslet f'din l-art tal-missjoni fejn il-ħidma ta' nies bħalha hija tant bżonnjuża, billi n-numru ta' sorijiet li hemm f'dan il-post huwa żgħir, filwaqt li x-xjuħ li huma taħt il-kura tagħhom ilaħħqu ma' l-400 wieħed. Hekk kif waslet bdiet il-ħidma missjunarja tagħha. Matul dan iż-żmien, jiġifieri fuq ħames snin, hija kellha diversi karigi. Għall-ewwel issuperjura tal-kunvent tatha l-inkarigu tal-bieb, jew aħjar tal-parlatorju, kif isejħulu huma. Wara li għaddiet xi żmien f'din il-ħidma sabulha xogħol aktar meħtieġ u għalhekk sabet ruħha fil-kċina tal-kunvent biex tgħin fit-tħejjija ta' l-ikel ta' dawk l-imsejkna xjuħ li sabu l-kenn tagħhom fl-aħħar żmien ta' ħajjithom f'din id-dar li l-Provvidenza pprovditilhom. Minn dan ix-xogħol hija għaddiet għal ħidma oħra xejn inqas bżonnjuża — din id-darba nsibuha tilgħab mal-magna tal-ħjata u billabra u l-ħajta f'idejha tħit u tlesti l-ħwejjeġ għal dawn l-imsejkna xjuħ. Fl-aħħar imbagħad insibuha ġewwa l-kappella, għax ma' l-inkarigu tal-ħjata żidulha wkoll ix-xogħol tal-kappella. Is-Sinjorina Bonello kienet tagħmel kull xogħol li jagħtuha b'ħerqa kbira għax il-ħsieb ewlieni tagħha kien li tgħin kemm tista' lix-xjuħ.

Wara li tajna daqqa t'għajn, fuq fuq, fuq dak li wettqet is-Sinjorina Bonello f'din l-art imbiegħda tal-missjoni, aħna nagħtuha l-merħba fostna u nittamaw li Alla għad iħallasha ta' dak kollu li għamlet għall-imħabba tiegħu.

DILETTANT TAL-GHAMARA ANTIKA?

ASAL WASLA S'GĦAND

BENNY'S SHOWROOMS
TRIQ IL-KBIRA, BALZAN

Hemm żgur issib xi ħaġa skond il-gosti tiegħek — għamara antika ġenwina, oġġetti artistiċi, u tagħmir ieħor 'second-hand'.

BENNY'S

jaċċetta wkoll ordnijiet għal 'polishing', gwarniċi għal kwadri 'reproduct' furniture', u tiżjin ieħor għad-dar.

ĊEMPLU 45513

ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal għeżież,

Imqanqal mill-ferħ li nara fuq wiċċ it-tfal meta jisimgħu 'l xi ħadd jirrakkuntalhom xi ħrafa ta' Esopo, tqanqalt biex f'din is-sena nagħżel xi erba' ħrejjef sbieħ u minnhom niġbed xi tagħlimiet li jkunu ta' siwi għalikom. L-ewwel li laqtitni kienet il-ħrafa tal-GĦAŻŻIELA U QRUNHA.

Għażżiela, annimal li jixbaħ ħafna liċ-ċerv, il-qrun tagħha kbir qisu fergħa ta' siġra u saqajha rqaq qishom qasab, resqet ħdejn ix-xmara biex tixrob. Hekk kif rat id-dell tagħha fl-ilma bdiet issewwed qalbha għax qalet: "Il-qrun tiegħi hu sabiħ u saqajja tant huma koroh". Ma laħqetx spiċċat dan il-kliem li ma lemħuhiex il-kaċċaturi u ġrew għal warajha. Billi saqajha kienu rqaq u ħfief irnexxielha taħarbilhom, iżda miskina bil-qrun sabieħ tagħha tħabblet mal-frieghi ta' siġra u dlonk waslu l-kaċċaturi u qatluha. L-aħħar kliem tagħha kienu: "Maqdart dak li ħelisli ħajti u faħħart dak li ġiebli l-mewt!!"

Bosta drabi tiltaqa' ma tfal li bħall-għażżiela jgħidu kliem li tistennieh biss mingħand min hu iblah: tfal li jifirħu għax jiskartaw l-iskola jew għax qatt ma jagħmlu l-homework, tfal li jfaħħru lil min iħallihom jagħmlu li jridu u jmaqdru lil min iżommilhom id-dixxiplina.

Tfal ifhmuha tajjeb li mhux kull ma jleqq huwa deheb u li mhux dak kollu li taħsbu li hu tajjeb għalikom ikunilkom ta' veru ġid. Għalhekk obdu dejjem minn min hu ikbar minnkom.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Nifirħu bil-membri ġodda tal-Parroċċa li saru ħutna fi Kristu bil-Magħmudija:

Dennis Borg, bin Vincent u Tessie, fid-9 ta' Ottubru, 1974.
Josette Sciberras, bint Emmanuel u Carmen, fis-26 ta' Ottubru.
Daphne Anne De Giorgio, bint Oliver u Carmen, fil-5 ta' Novembru.
Joseph-Mary Bugeja, bin Charles u Rita, fis-7 ta' Novembru.
Marianne Calleja, bint Joseph u Vivienne, fis-7 ta' Novembru.
Karen Coleman, bint George u Josephine, fit-12 ta' Novembru.
Philip Micallef, bin Joseph u Rose, fit-12 ta' Novembru.
Reuben Pace, bin Saviour u Victoria, fit-13 ta' Novembru.
Nathalie Galea, bint Ivo u Josephine, fid-19 ta' Diċembru.
Jonathan Said, bin Joseph u Juliana, fit-22 ta' Diċembru.

Nilqgħu fostna lil dawn il-familji ġodda tal-Parroċċa tagħna:

Emmanuel Gellel u Anna Farrugia, fit-2 ta' Novembru 1974.
David Leslie Wilkes u Mary Camilleri, fl-14 ta' Novembru.
Nutar Tonio Spiteri u Liliana Muscat, fis-17 ta' Novembru.
Joseph Cassar u Josette Muscat, fis-17 ta' Novembru.
John Darmanin u Florence Xuereb, fit-8 ta' Diċembru.

Nitolbu għal ħutna li għaddew għall-ħajja ta' bla tmiem:

Carmelo Borg, fl-4 ta' Novembru 1974.
Arthur W. Smith, fil-5 ta' Diċembru.
Rose Falzon, fil-11 ta' Diċembru.
Maria Brincat, fis-17 ta' Diċembru.
Salvatore Zammit, fis-26 ta' Diċembru.
Ġużeppi Pace, fid-29 ta' Diċembru.
Polly Darmanin, fit-2 ta' Jannar 1975.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM

IRRIKORRU:

VITAFOAM MALTA LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

B'TIFKIRA TAL-

KONTI BERNARDO MANDUCA

F'EGĦLUQ IR-RABA' SENA MINN MEWTU

IS-SITTA TA' JANNAR TA' DIN IS-SENA KIEN JAHBAT IR-RABA' ANNIVERSARJU MILL-MEWT TAL- WISQ NOBBLI KONTI BERNARDO MANDUCA PISCOPO MACEDONIA ZAMITT. GĦALDAQSTANT XIERAQ LI NGĦIDU XI ĦAĠA DWAR IN-NOBBLI KONTI MAGĦRUF MHUX BISS MILL-BALZANIN LI HU KIEN TANT IHOBB U JGĦOŻŻ, IMMA, NISTGĦU NGĦIDU, MINN GĦADD KBIR TA' PERSUNI MINN DIVERSI BLIET U RHULA TA' MALTA. U NAĦSEB LI MA NKUNX NIŻBALJA META NGĦID LI BERNARDO KIEN MAGĦRUF MA' MALTA KOLLHA.

Il-Konti Manduca kien bniedem li kien iġiblek suġġezzjoni, mhux biss fil-figura tiegħu imma anke fi kliemu meqjus u f'egħmilu eżemplari. Bniedem tassew fabbli u xejn imkabbar bil-pożizzjoni distinta tiegħu, huwa kien isib il-għaxqa tiegħu meta kien jitħallat ma' persuni ferm aktar baxxi fil-pożizzjoni tagħhom minn dik li kien igawdi hu. Kienet din il-kwalita' tiegħu li ħabbitu mal-Balzanin kollha kbar u żgħar, xjuħ u żgħażagħ. Kellu tbissima ħelwa u kelma ferrieħa ma' kull min jiltaqa'. Kien bniedem ta' karita' kbira, għalkemm il-karita' tiegħu kienet moħbija għal għajnejn in-nies, u ftit huma dawk li jafu biha, anke mill-istess nies ta' madwaru. Jien li qed nikteb dawn il-ftit kliem sirt naf b'dan wara l-mewt tiegħu minn xi nies li hu waqaf magħhom fil-bżonnijiet tagħhom.

Dawn in-nies huma numerużi mhux biss f'Ħal Balzan imma f'ħafna postijiet f'Malta. Kemm huma dawk is-saċerdoti li telgħu fuq l-artal sabiex joffru l-ewwel sagrifiċċju tagħhom tal-Quddiesa bil-għajnuna finanzjarja ta' dan in-nobbli konti? Dan jistgħu jgħiduh biss dawk is-saċerdoti li rċevew din il-għajnuna mingħand din il-persuna nobbli, ta' qalb tajba u ġeneruża. Hu ma kien jaf igħid le lil ħadd, meta kien jifhem li din il-persuna kienet tinħtieġ l-għajnuna tiegħu. Ma nistax niftakar kemm kienu dawk li talbuh biex jagħmlilhom xhud ta' tieġ jew parrinu fl-ewwel quddiesa ta' xi qassis novell u hu kien jaċċetta bil-ferħa. Daqstant ieħor nista' ngħid għar-rigali li hu kien jagħti lil dawk kollha li kienu jistednuh biex jaqsam magħhom fil-ferħ tagħhom.

Pero' mhux fil-ferħ biss kont issibu lill-Konti Bernardo. Anke fin-niket kont issibu biex ifarraġ lil dawk imnikkta sew b'kelma ta' faraġ kif ukoll b'mezzi oħra li mhux ta' min joqgħod jiftaħar bihom. Il-Konti Manduca kien biex ingħid hekk il-missier ta' ħafna u ħafna mill-Balzanin. Ma naħsibx li b'dan li għidt għamilt xi eloġju bombastiku fuq din il-persuna distinta għax wisq nibża' li ma wasaltx biex nagħti l-mertu kollu ta' din il-kwalita' sublimi li kienet teżisti fil-Konti Bernardo.

BENEFATTUR TAR-RAĦAL

Ngħaddu issa biex naraw lil dan il-Konti bħala benefattur tar-raħal tagħna li tant kien għal qalbu, għalkemm ħafna huma dawk l-irħula li jistgħu jiftaħru li għandhom xi tifkira minn tiegħu. Ukoll f'din il-ħaġa ma naħsibx li nasal biex nagħti kwadru komplit ta' l-opri li dan il-bniedem nobbli wettaq matul ħajtu. Għalina l-Balzanin, il-Konti Manduca kien wieħed mill-akbar benefatturi li qatt kellha l-parroċċa tagħna. Minix beħsiebi nsemmi kull ħaġa li hu rregala lill-parroċċa. Biss ma nistax ma nsemmix waħda li fiha nara mhux biss il-valur tagħha bħala opra li sebbħet il-parroċċa daqskemm il-valur spiritwali ta' din l-opra qaddisa li biha kompla kabbar devozzjoni kbira lejn Marija Addolorata. Irrid ngħid għall-fratellanza tad-Duluri li hu waqqaf fil-Knisja Parrokkjali tagħna.

L-ispiża biex waqqaf din il-fratellanza kienet kbira meta wieħed iħares lejn dak kollu li kien meħtieġ biex din tkun komplita minn kollox. Huwa ħaseb biex għamel statwa ta' Marija Addolorata għand l-istatwarju Għawdxi l-Kav. Wistin Camilleri. Wara dan huwa għamel il-kwadru ta' l-Addolorata għand il-magħruf pittur il-Kav. Emvin Cremona. Ħaseb ukoll biex għamel żewġ standardi għal din il-fratellanza, wieħed għall-festi sekondarji u ieħor irrakkmat bid-deheb għall-festa proprja tad-Duluri u għall-festa titulari ta' l-Annunzjata. Huwa ma naqasx li jsebbaħ l-artal tad-Duluri b'dak kollu li kien jinħtieġ — ventartali tarrakkmu u sopra tvalja tal-bellus irrakkmata wkoll, u sett gandlieri għall-festa tad-Duluri. Biss għalkemm l-ispiża għal dawn il-ħwejjeġ li semmejt kienet kbira, wisq iżjed huwa kbir il-ġid spiritwali li ħareġ minn din l-opra qaddisa.

L-aħħar opra tiegħu lill-parroċċa tagħna kienet somma ta' flus biex isiru l-balavostri fuq il-bejt tal-knisja, opra li sfortunatament ma rahiex titwettaq f'ħajtu billi għal xi raġuni jew oħra għadha ma saritx sal-ġurnata mqaddsa tal-lum.

Bħala kaxxier tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel', ma nistax ma ngħidx li l-Konti Manduca, li kien President Onorarju ta' dan il-każin, kien ukoll benefattur kbir għal dan il-każin. Ma nistax niftakar li xi darba tlabnieh xi ħaġa għall-każin tagħna u hu ma kienx lest biex jagħtina dak li jkollna bżonn. Ma kenux wieħed jew tnejn ir-rigali li rċevejna mill-President Onorarju tagħna. Ir-rigali tiegħ. wieħed jista' jarahom meta jidħol fil-każin tagħna. Fost il-ħwejjeġ sbieħ li tana wieħed jista' jara lapida tar-rħam b'ittri tal-bronż fl-intrata. Din il-lapida tfakkar egħluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-każin. Din kienet ukoll l-aħħar rigal tiegħu billi ftit xhur wara huwa ħalla dan il-wied tad-dmugħ. Rigal ieħor sabiħ minn tiegħu hija l-batterija tal-banda, jiġifieri katuba u tamborlin. Ma' dawn hemm ukoll rigali oħra li minix se nsemmihom minħabba n-nuqqas ta' spazju.

IL-FESTA TAL-LUNZJATA

Meta mbagħad inħares lejn il-Konti Manduca għal dik li hi festa titulari tar-raħal tagħna, dan il-bniedem nobbli kien jagħmel ħiltu kollha biex ikabbar il-festa ad unur ta' Marija Annunzjata. Għalih il-festa tar-raħal kienet waħda mill-ġrajjiet li kienet miktuba f'qalbu b'ittri tad-deheb. Il-festa tar-raħal kienet dejjem stampata fil-menti tiegħu. Żgur li ma kenitx twarrab minn quddiem għajnejh, lanqas għal mument wieħed biss. Il-gost tiegħu kien li jitħaddet dwar il-festa, b'mod speċjali mad-dilettanti tagħha. Kien ikun fis-seba' sema meta wara li tgħaddi l-festa kien jiġbor lil dawk kollha li jkunu meddew idejhom għall-armar u hemm fil-villa tiegħu kien jittrattahom b'xorb u ħelu li hu kien ilesti mhux biss b'rikonoxxenza tax-xogħol li jkunu għamlu iżda biex aktar



In-Nobbli Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt

iħeġġiġhom u jinkoraġġihom sabiex ikomplu jagħtu dan ix-xogħol biex il-festa tar-raħal tibqa' dejjem ħajja u tikber iżjed.

Barra milli kien igħin finanzjarjament għall-ispejjeż meħtieġa għall-festa titulari, huwa kien jagħti s-sehem tiegħu għat-tiżjin tal-parti ta' Triq San Valentinu li tiġi quddiem il-villa tiegħu u ta' Triq Sisner. L-armar ta' dawn iż-żewġ toroq, inkluż ukoll id-dawl elettriku tagħhom, kien jieħu ħsiebu hu. Xi ġimgħat qabel il-festa kont tarah ilesti l-antarjoli, il-bandalori tagħhom, il-kolonni bil-brazzi, u l-istatwa bil-pedestall tagħha tal-Papa Alessandru VII, li sfortunatament darba ġarrbet ħsara kbira bix-xita li kienet għamlet fil-festa u li wkoll għall-istess raġuni ma baqgħetx tintrama'. Huwa kien jieħu ħsieb iġib banda ħdejn il-villa tiegħu fil-jum tal-festa minn barra l-musketterija li kien jagħmel filwaqt li l-vara tkun għaddejja minn quddiemu.

IL-WARDIJA

Nistgħu ngħidu li dan il-bniedem nobbli kien medhi l-aktar f'dawn il-ħwejjeġ qaddisa. Biex nagħtu stampa ċara ta' dan, wieħed irid jagħti daqqa t'għajn lejn is-santwarju tal-Madonna ta' l-Abbandunati li kellu fil-Wardija. Dan is-santwarju, ġojjell prezzjuż imperreċ fuq din il-għolja jiddomina l-Bajja ta' San Pawl qisu l-għassies tal-fidi li ġabilna l-Appostlu Missierna li fi żmien il-qedem kien ħallielna wara li l-mirkeb tiegħu kien tfarrak fuq din il-gżira, il-Konti Manduca ħa ħsieb iżejnu bi ħwejjeġ tant sbieħ. Biżżejjed wieħed igħid li dan is-santwarju hu fornut b'dak kollu li jenħtieġ, minbarra affarijiet oħra ta' tiżjin bħalma hija l-pittura tal-koppla li bena fi żmienu. Din il-pittura hija xogħol il-magħruf pittur il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. Huwa kien bena wkoll kampnar akbar minn dak li kellu dan is-santwarju biex seta' jagħmel sett qniepen kbar li kien ġab mid-ditta Baricozzi fl-Italja.

Jekk il-Konti ħaseb għat-tiżjin materjali ta' dan is-santwarju, huwa ħaseb ukoll u qabel kull tiżjin ieħor għall-ġid spiritwali ta' dawk il-ftit nies li hemm imxerrda ġewwa l-Wardija. F'din il-knejsa hu kien jaħseb għas-servizzi reliġjużi kollha li jsiru fi knejjes kbar. Ma kenitx tonqos il-quddiesa fil-Ħdud u l-btajjel, id-devozzjoni ta' l-ewwel ġimgħa tax-xahar, l-eżerċizzi spiritwali tar-Randan, ir-Rużarju fix-xahar t'Ottubru, il-quddiesa ta' nofs il-lejl fil-Milied, u l-festa tal-Madonna ta' l-Abbandunati li kien jagħmel ta' kull sena fl-aħħar Ħadd t'Awwissu. Huwa kien jagħmel festa tassew ħelwa, sew għal dawk li huma funzjonijiet fil-knisja kif ukoll għal dawk li huma festi ta' barra.

B'dawn is-servizzi reliġjużi l-ħsieb ewlieni tiegħu kien li jressaq lin-nies ta' dawk l-inħawi lejn Alla u li jtaffilhom xi ftit mit-tbatijiet li dawn il-povri nies kien ikollhom iġarrbu minħabba li huma jgħixu 'l bogħod mill-parroċċa tagħhom. Lil dawn in-nies spiss kont tismagħhom ilissnu kliem ta' tifħir għal dak kollu li l-Konti Manduca kien jagħmel għalihom, u li magħhom ried jibqa' anke wara mewtu għax il-fdalijiet tiegħu jinsabu f'dan is-santwarju li hu tant kabbar u tant sebbaħ.

Kif għidt fil-bidu, dan in-nobbli konti ħalliena erba' snin ilu biex mar jieħu l-premju li żgur kien jimmeritah. Għalina l-Balzanin, għan-nies tal-Wardija, u għal ħafna oħrajn li mhumiex mill-inħawi li semmejt, fadlilna biss il-memorja tiegħu li għadha u tibqa' ħajja fina. Tkun ħaġa wisq xierqa għalina li nqimu l-memorja ta' dan il-bniedem nobbli li għaraf jagħmel użu tant tajjeb mit-talent li Alla l-Imbierek fdalu f'idejh, u nittamaw li Alla ġa ppremjah għax-xogħol fejjiedi tiegħu.

Valentino Muscat

SER TIŻŻEWWEĠ?

SER TITGĦARRAS?

SER TAGĦMEL XI PARTY?

IS-SALA

"AURORA"

HIJA L-POST IDEALI GĦALIK

BOOKINGS GĦAND IL-KAPPILLAN

Telephone: K. 42614